MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 14/2005

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Ghid int konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kkundanat thallas is-somma ta’ tlett mija u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm324.50c) ammont dovut fuq xoghol ta’ tiswija fuq il-vettura tieghek KIA Jedona bin-numru tar-registrazzjoni GBB 717 u dan fuq istruzzjonijiet tieghek stess

Bl-ispejjez gudizzjarji tal-ittra interpellatorja tal-20 ta’ Dicembru 2004 kontra tieghek u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt”

Ra l-kapitoli pprezentati mill-attur fis-seduta tal-20 t’April 2005.

Ikkunsidra:

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta msemmija li fiha gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas ghal dik ta’ llum, minghajr ma’ gieb ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta’ dehra tieghu fis-seduta ta’ llum;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm324.50c ammont dovut ghal xoghol ta’ tiswija esegwit mill-attur fuq il-vettura tal-konvenut bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatirja tal-20 ta’ Dicembru 2004.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------